**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Elliott Magro]**

**vs**

**Clint Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru: 736/15**

**Illum, 9 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Clint Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 0572888M akkuzat talli bejn nhar l-10 ta' Mejju, 2015 u nhar it-12 ta' Mejju, 2015:-

1. minn gewwa l-fond numru 8, li jinstab sitwat gewwa Triq is-Serkin tal-Marsa, ikkommetta serq ta' flus kontanti fl-ammont ta' erba mitt Ewro (€400) ghad-dannu ta' Isaura Magri mill-Marsa u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur', bil-'persuna' u bil-'lok', li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (c)(d)(e), 267, 268, 269 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. 2. u aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' 'television' ta' l-ghamla LG liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u desghin centezmu (232.94 Euros) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu(2,329.37 Euros), liema serq huwa ikkwalifikat bil-' valur', bil-'lok' u bil-'persuna', ghad- dannu ta' Isaura Magri mill-Marsa u/jew ta' persuna jew persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261 (c)(d)(e), 267, 268, 269 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sebgha (7) ta' Settembru elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serqa fir-residenza ta' Isaura Magri fil-Marsa fejn din ghamlet rapport li l-imputat; li kienet tafu sewwa; kien seraqha;

Minhabba kif zvolgew il-proceduri fejn alla jbierek ix-xhieda hadd ma jiftakar xejn u fejn irrinunzjaw ghal dak li hu rinunzjabbli, ma hemm l-ebda provi sabiex jikkonducu l-imputat mal-akkuzi kif dedotti;

Ghalhekk din il-Qorti ma hijiex ser tahli hin ulterjuri fuq persuni li ghaliex iggieldu mal-imputat jaghmlu rapport, imbaghad jiddeciedu li jerghu javvicinaw ruhhom mieghu, ma jkunx xieraq fuq kawzi ohra li jimmeritaw aktar hin prezzjuz.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Clint Zammit hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**